MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1004/1994/1

**L-Avukat Dottor Gavin Gulia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Dhalia South Limited**

**Vs**

**Francis Abela**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti kienu jahdmu flimkien appalti ta' xoghol ta' bini u kostruzzjoni bhala *joint-venture*, bl-intiza li jaqsmu bejniethom l-ispejjez u l-profitti fi kwoti ndaq bejniethom;

Premess illi, kif jirrizulta ahjar mid-dokument anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok A, il-konvenut ircieva pagamenti in eccess ta’ dak li kien lilu dovut in konsiderazzjoni ta’ servizzi rezi lil terzi kif ser jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza stante li l-konvenut ircieva wiehed u ghoxrin elf erba’ mija u tletin lira Maltin (Lm21,430) meta fil-fatt ma kellux jiehu aktar minn sbatax-il elf seba’ mija u tmienja u erbghin lira (Lm17,748) u ghalhekk iggwadanja tlett elef sitt mija u tnejn u tmenin lira (Lm3682) aktar milli kien lilu dovut;

Premess illi l-konvenut interpellat sabiex ihallas din is-somma lill-attur *nomine* baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur *nomine* fis-somma ta’ tlett elef sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm3682) rapprezentanti d-differenza bejn dik is-somma li huwa effettivament ircieva in konsiderazzjoni ta’ xoghlijiet ezegwiti u dik is-somma li huwa kellu jircievi in konsiderazzjoni ta’ l-istess xoghol;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* is-somma ta’ tlett elef sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm3682) rapprezentanti s-somma dovuta lill-attur *nomine* kif fuq inghad;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u bl-imghax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi, in linea preliminari, in-nullita ta' l-azzjoni intavolata mis-socjeta` attrici billi skond il-ligi kellha tigi

mharrka wkoll mart l-eccipjent referibbilment ghax-xorta tal-pretensjonijiet attrici;

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici;

U ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn huwa eccepixxa illi l-azzjoni ta' l-attur *nomine* kienet kolpita bi preskrizzjoni ta' sentejn;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 1997 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji John Bonnici u l-avukatessa Dr. Irene Bonello biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija esperti li tinsab a fol. 167 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fl-Udjenza tat-12 ta' Lulju tas-sena 2000;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi permezz tal-verbal ta' l-Udjenza tas-17 ta' Frar 1995 il-konvenut irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu cioe` dik tan-nullita ta' l-azzjoni attrici;

Illi l-esperti nominati zammew numru kbir ta' seduti illi fihom il-partijiet ressqu l-provi kollha taghhom u l-ahhar

wahda ma nzammitx proprju peress li d-difensuri kienu ddikjaraw li huma ma kellhomx provi izjed xi jressqu;

Illi ghalkemm kienu ser jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet sa minn qabel ma gie redatt ir-rapport, dawn baqghu ma gewx ipprezentati u dan nonostate li anki wara l-konferma tar-rapport il-Qorti kkonceditilhom diversi differimenti ghal dan il-ghan;

Illi din il-kawza tikkoncerna ftehim bejn il-partijiet illi kellhom jizviluppaw proprjeta` immobiljari u jbieghuha u l-profitti finali kellhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-kontendenti; il-konvenut kien bennej u l-ispejjez tieghu kif iccertifikati minn perit approvat miz-zewg partijiet kellhom jigu saldati qabel jigi stabbilit il-profitt li kellu jinqasam;

Illi kif jidher mill-atti tal-kawza u l-bosta dokumenti esebiti kien jinhtieg li jkun hemm ezami tad-diversi dokumenti u ricevuti; illi mir-rizultanzi tar-rapport peritali jidher li d-dokumenti kienu pjuttost konfliggenti u l-abbli relaturi esprimew l-opinjoni li s-socjeta` attrici ma kienx irnexxilha tipprova l-pretensjoni taghha u ssottomettew: "*f'tali cirkostanzi jirrizulta car li t-talbiet attrici ma gewx sufficjentement ippruvati, anzi hemm karenza fil-konsistenza tal-figuri sottomessi mis-socjeta` attrici, liema karenza ta' konsistenza taghti lok ghas-segwenti sitwazzjoni: (i) jekk wiehed joqghod fuq id-dokumenti ufficjali jigifieri l-kuntratti ta' bejgh l-ammont dovut lill-konvenut ikun ikbar mit-talba tas-socjeta` attrici; u (ii) jekk wiehed joqghod fuq il-prezzijiet indikati fl-affidavit u ma jaccettawx dawn id-dokumenti mhux kompletament validati l-ammont dovut mill-konvenut ikun inqas mit-talba tas-socjeta` attrici.*";

Illi inoltre il-Qorti sejra tikkonsidra l-eccezzjoni ulterjuri moghtija mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni ta' sentejn indikata fl-imsemmija nota;

Illi dan jehtieg ezami dettaljat tal-perjodi meta s-socjeta` attrici setghet indunat illi, kif issottomettiet fic-citazzjoni, kienet hallset izzejjed lill-konvenut u l-esperti dwar dawn id-dati rilevanti ghamlu analizi tassew dettaljata bir-

referenzi kollha, u espremew l-opinjoni li "*is-socjeta` attrici indunat bl-allegat pagament indebitu li hallset lill-konvenut u cioe` aktar minn tliet snin qabel l-istituzzjoni tal-kawza odjerna*";

Illi anke wara dawn l-imsemmija opinjonijiet espressi b'mod car fir-rapport peritali, il-Qorti awtorizzat il-prezentata ta' noti ta' sottomissjonijiet finali u anki halliet il-kawza ghat-trattazzjoni, pero` dana ma sarx u ghalhekk il-Qorti skond l-ahhar verbali halliet il-kawza ghas-sentenza li qed tigi moghtija llum;

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-abbli relaturi u a skans ta' repitizzjonijiet inutili taghmel taghha ir-relazzjoni; b'dana kollu ma tistax ma zzidx li anki kieku kellhom jiggebbdu t-termini relattivi kif konstatati mill-abbli relaturi, xorta jkun hemm perjodu ta' aktar minn sentejn (l-esperti jghidu tliet snin) u ghalhekk stante li anqas biss gie allegat mill-attur *nomine* li kienet saret xi procedura gudizzjarja qabel il-prezentata tac-citazzjoni l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 1027 imsemmi.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet originali kif ukoll l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mis-socjeta` konvenuta;

Tichad it-talbiet attrici;

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur